MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 829/2011

GO p.l.c. (C-22334).

Vs

Maria Camilleri (Id. 377789M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba mija u hamsa u erbghin ewro u erba u tletin centezmu (€445.34) minghand il-konvenuta, in konnessjoni mas-servizz ta' televizjoni bil-kont numru 80029854. U peress illi l-konvenuta baqghet inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2011 fejn deheret il-konvenuta u ammettiet it-talba attrici kif dedotta kontra taghha.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenuta, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba mija u hamsa u erbghin ewro u erba u tletin centezmu (€445.34), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------